# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru** 1830

**Kaz Nru 2454/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Mario Farrugia**

**u**

**ABT Limited**

**Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.**

4 ta' Dicembru, 2007

**Chairman : Is-Sur Harold Walls MSc, DPM, IPD(UK).**

## INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-6 ta' Marzu 2007, minn Dr Owen Bonnici f'isem Mario Farrugia kontra is-Socjeta ABT Limited, dwar terminazzjoni ta' impjieg allegatament ingusta ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att. Nru XXII ta' l-2002).

Is-Sur Mario Farrugia li minn issa jidher bhala l-Appellant, matul is-smigh tal-Kaz quddiem it-Tribunal Industrijali kien assistit mill-Avukat Owen Bonnici. Ghas-Socjeta ABT Limited deher is-Sur Arthur Borg Testaferrata assistit mill-Avukat Matthew Brincat.

## STQARRIJA TAL-KAZ

Fl-istqarrija tal-Kaz l-Appellant jghid, li hu gie mpjegat mal-Kumpanija fl' 1 ta' Frar 1989, bhala storekeeper/deliveryman fuq kuntratt indefinit u matul l-ahhar

erba' snin id-Direttur tas-Socjeta bidel l-attitudini tieghu u fuq bazi ripetuta beda jidhol fl-istore fejn ikun hemm hu u jibda jghajjat ma kullhadd u jinjora lill-impjegati li jkellmuh fuq kwistjonijiet ta' xoghol.

L-Appellant jghid ukoll, li drabi ohra il-principal kien icempel lir-rikorrenti, jgholli lehnu u jsabbat it-telefon bla kliem u bla sliem. L-Appellant jghid ukoll, fl-istqarrija tal-Kaz tieghu li fis-19 ta' Jannar 2007, ghal ragunijet li jaf hu biss, dahal flimkien mas-segretarja fl-istore u beda jghajjat mieghu li m'hu kapaci ghal xejn u li qed ihallsu ghal xejn. L-Appellant jghid ukoll, li hu safa mbikkem u ma tkellimx u minflok ghazel li jidhol fl-ufficcju li hemm fil-post tax-xoghol biex igib in-nuccali. L-Appellant jghid ukoll, li kif il-principal ra hekk qallu biex imur, jitlaq u ma jhallix jarah b'ghajnejh aktar u konsegwentament huwa ma kellux triq ohra ghajr li jitlaq mill-premises tal-Kumpanija.

L-Appellant jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu saret b'modd ingust u bi ksur tal-ligi.

Is-Socjeta intimata da parti taghha qalet fl-istqarrija tal-Kaz taghha, li it-Tribunal Industrijali m'ghandux il-kompitenza biex jisma l-Kaz inkwestjoni peress li l-impjegat kien irrizenja minn rajh minn fuq il-post tax-Xoghol.

Is-Socjeta tkompli tghid, li jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li fil-fatt il-Kumpanija tterminat l-impjieg ta' l-appellant, din it-terminazzjoni zgur li kienet ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi minhabba l-fatt, illi matul l-impjieg tieghu, l-appellant inghata diversi twissijiet verbali talli ma kienx qed jaghmel xoghlu sew. Is-Socjeta tghid ukoll, illi fost l-ohrjan l-appellant diversi drabi m'ghamilx lis-"stock takes" kif suppost u ghalhekk il-Kumpanija dejjem kellha tqabbat lil xi hadd iehor biex jiccekja xogholu wara li jkun lesta. Is-Socjeta tghid ukoll, illi l-istores ma kienux jinzammu nodfa mill-appellant u l-appellant kien jghamel xogholu kif jidhirlu hu minghajr ma jaghti kaz l-ordnijiet tas-superjuri

tieghu. Ghalhekk invista tal-premess, is-Socjeta tghid li qed jitlobu lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara li :-

1. t-Tribunal m'ghandux il-kompetenza biex jisma l-Kaz peress li l-impjegat irrizenja mill-impjieg tieghu;
2. jew li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-appellant saret ghal raguni tajba u sufficjent skond il-ligi.

PROVI

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien ilu mpjegat mas-Socjeta ghal madwar 18 il-sena fil-grad ta' storekeeper/ deliveryman. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fil-waqt li is-Socjeta tghid li kienet wissietu diversi drabi verbalment fuq nuqqassijiet, l-Appellant jghid li hu qatt ma kien imwissi mill-principal tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-incident inkwestjoni kien sehh fis-19 ta' Jannar 2007, meta dahal il-principal fl'ufficcju ta' l-istores u b'hafna ghajjat beda jakkuzah fuq nuqqasijiet ta' l-istock. L-appellant jghid, li l-principal ma kienx tah cans li jispjega li fost ohrajn setgha kien, li ma kienx hemm nuqqas ta' stocks ghar-raguni li kien hemm sistema li waqt li hu kien jghamel l-istock kienu jibqaw dehlin xorta wahda l-ordnijiet u ma kienx ghadu sar rikonciljazzjoni ta' l-istock. Mill-provi jirrizulta wkoll li dan l-inkontru bejn il-principal u l-appellant kien karattarizzat minn hafna ghajjat minn naha tal-principal, fejn il-principal fix-xhieda tieghu jghid, li hu minnhu innifsu jitkellem jghajjat. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant ma ghamel l-ebda ritaljazzjoni u baqa kwiet. Fix-xhieda tieghu l-appelland jghid, li ma felahx jghid kelma wahda, hassu mbikkem u miksur b'dak l-ghajjat kollu li dam ghal madwar ghaxar minuti quddiem is-segretarja tal-Kumpanija.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant jghid li waqt li kien qed isir dak l-ghajjat kollu mieghu u ma felahx jitkellem huwa kien fetah il-kexxun biex igib in-nuccali u f'dan il-waqt il-principal qallu " mur, itlaq u thallinix narak b'ghajnejja aktar", inkontru ta' dan fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali il-principal

jghid li l-appellant "f'daqqa wahda beda jaqbad u johrog l-affarijiet mill-kexxun, ghidtlu jekk inti se titlaq itlaq u ma rridx narak iktar b'ghanejja".

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li matul il-hajja ta' l-impjieg tieghu l-appellant ma ircieva l-ebda twissija bil-miktub. Rigward jekk l-appellant kienx ircieva twissijiet verbali tezisti xhieda konflingenti pero quddiem it-Tribunal Industrijali ma gie pprezentat l-ebda dokument li l-appellant qatt gi mwissi verbalment. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li anke twissijiet verbali ghandhom jigu registrati bil-miktub, fejn ghandu jinghad li minkejja li it-twissija qed issir bil-miktub pero din hija wahda verbali. Fin-nuqqas ta' din il-procedura u f'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali qed jikkunsidra li l-Appellant ma kellu l-ebda twissija verbali matul il-hajja ta' l-impjieg tieghu.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-akkuzi li saru mill-principal kontra l-appellant kienet karattarizzata b'hafna ghajjat u storbju minn naha tal-principal. It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijet jiddeplora dan l-atteggjament negattiv minn naha tal-management ghax dan mhuwiex il-mod civili kif principal ghandu jittratta mal-haddiema tieghu.

It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li il-principal setgha jittratta il-kaz inkwestjoni permezz li b'mod kalm kien jitkellem mal-impjegat fuq in-nuqqasijet li kien qed jallega li ghamel, jghati l-opportunita lill-impjegat li jghid il-verzjoni tieghu jekk ikun il-kaz jigu msejjha xhieda u fl'eventwalita li l-principal jahseb li l-impjegat kien ghamel xi nuqqassijiet, kien jiehu l-passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.

It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li kieku giet addotta il-procedura imsemmija hawn fuq kienet tigi evitata sitwazzjoni ta' interpretazzjoni fejn l-appellant haseb li

hu kien gie mkecci mix-xoghol u l-principal interpreta li l-appellant kien telaq il-barra u irrezenja mix-xoghol.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijaiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa ix-xhieda prodotti, ikkunsidra is-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjoni addizjonali isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijet citati hawn fuq isib, li bl'ghajjat u l-attitudni li wera l-principal, l-appellant setgha fehem li hu kien gie mkecci mix-xoghol. It-Tribunal Industijali jiddeciedi wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret minghajr ma' l-appellant ma gie moghti l-opportunita xierqa li jiddefendi il-kaz tieghu u ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda ingusta.

Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li l-appellant ma jinghatax l-impjieg lura, l-istess Tribunal Industrijali jordna li ABT Limited ghandha thallas is-somma ta' LM 1,000 (elf lira Maltija) – 2329 Euro ( elfejn tlett mija u disa u ghoxrien Euro) lill Mario Farrugia bhala kumpenss fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' LM40 (erbghin Lira Maltija) - E 93 ( tlieta u dishgin Euro) lill kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja
Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju.